Laqgħa Ġenerali Ordinarja tal-Akkademja tal-Malti – 11 ta' Lulju 2024

Diskors tal-President Dr George Farrugia

# Eżami tal-Kuxjenza

Niftakar, ħafna snin ilu, meta kont għadni mmur il-Mużew, bħal forsi xi wħud minnkom, li kultant il-prefett, kif konna nsejħulu, kien jagħmlilna eżerċizzju jew xi kwizz li tant kien għal qalbi. Din l-attività kienet tkun ibbażata fuq ktejjeb li kellu ġabra mdaqqsa ta' sentenzi magħrufa li qal Kristu, meħuda mill-evanġelju, jew mill-kitbiet famużi ta' xi qaddisin, u aħna kien ikollna nagħżlu xi sentenza minnhom, nitgħallmuha bl-amment, ngħiduha quddiem sħabna u nagħmlu diskussjoni żgħira dwar it-tagħlima li toħroġ minnha. Sentenza li, għal xi raġuni jew oħra kienet tolqotni ħafna, u li ta' spiss kont nagħżel lilha biex ngħidha quddiem kulħadd, kienet sentenza ta' San Pawl meħudha mill-ittra tiegħu lill-Korintin: "Min jidhirlu li hu wieqaf fis-sod, joqgħod attent li ma jaqax". Din is-sentenza, għal xi raġuni jew oħra, baqgħet stampata f'moħħi u jkolli nistqarr li sibtha ta' għajnuna kbira f'fażijiet u ċirkustanzi differenti li għaddejt minnhom f'ħajti. Sintendi, San Pawl kien qed jikteb f'sens morali iżda fil-fehma tiegħi, din is-sentenza nistgħu nestendulha l-kuntest tagħha u napplikawha għal bosta sitwazzjonijiet u kuntesti oħra f'ħajjitna. Min jaħseb li huwa sod u m'għandu ebda problema, min jaħseb li kollox miexi sew, jagħmel tajjeb li kultant jieqaf jirrifletti fuq is-sitwazzjoni tiegħu; ma jagħmilx ħażin li kultant jagħmel eżami tal-kuxjenza għax għandu mnejn jibda jara l-affarijiet b'lenti differenti. Għandu mnejn jintebaħ li forsi r-rutina tal-ħajja mgħaġġla li qed ngħixu, jew is-suppervja li ta' spiss iġġegħelna naħsbu li aħna l-aħjar f'kollox u li qatt ma nistgħu niżbaljaw, jew imqar l-apatija li nkunu waqajna fiha, ikunu ċajprulu l-mod ta' kif għandu jħares lejh innifsu b'mod oġġettiv, ikunu ħbewlu l-istat tal-qagħda reali u attwali tiegħu. Tgħiduli biex ġej illum?

Bħala President tal-Akkademja, u din issa hija t-tielet sena tiegħi, naħseb li din ir-riflessjoni nistgħu napplikawha wkoll għal din l-għaqda tagħna li issa ilha teżisti għal ftit aktar minn seklu, għaqda li l-fundaturi tagħha kienu personaġġi kbar b'viżjoni nobbli marbuta mas-siwi u l-iżvilupp ta' lsienna, għaqda bi storja kbira li matul is-snin ħadmet kemm felħet favur il-promozzjoni tal-letteratura Maltija u l-ilsien Malti, għaqda li għadha tgawdi prestiġju kbir fost ħafna Maltin tant li mqar l-aħħar aġġornamenti ortografiċi li fassal il-KNM, ħafna nies jattribwuhom lilha. U dan nista' nikkonfermah kull darba li nagħti kors tal-Malti lil xi entità governattiva jew privata. Meta fil-lezzjoni introduttorja nistaqsihom min jaħsbu li hija l-entità li ħarġet l-aħħar żewġ aġġornamenti ortografiċi tal-Malti, jiġifieri d-*Deċiżjonijiet 1* u *2*, it-tweġiba fil-pront tkun "l-Akkademja tal-Malti". Saħansitra, anke meta jkun hemm xi programm fuq il-mezzi tax-xandir dwar l-ilsien Malti, ibqa' ċert li f'xi ħin jew ieħor tissemma l-Akkademja, imqar jekk min isemmiha mhux dejjem ikun korrett f'dak li jgħid dwarha. U dan kollu huwa riżultat tal-passat glorjuż u

tas-sehem kbir fl-iżvilupp ta' lsienna li tat matul is-snin din l-għaqda li niftaħru li aħna membri tagħha.

Id-diskors tiegħi tas-sena l-oħra kellu perspettiva pjuttost wiesgħa. Fih kont tkellimt dwar il-privileġġi sbieħ li jgawdi lsienna de jure, jew fuq il-karta, bħala lsien nazzjonali u uffiċjali f'pajjiżna u bħala wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-UE, imqabbla mal-qagħda de facto wisq anqas sabiħa tiegħu fix-xenarju lingwistiku attwali f'pajjiżna. Fil-kelmtejn tal-lum se ndejjaq il-perspettiva tiegħi u niffoka speċifikament fuq l-Akkademja bħala waħda mill-aġenti ewlenin f'dan ix-xenarju lingwistiku li l-għan ewlieni tagħha huwa sewwasew, u hawn nikkwota mill-istatut, li "taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja". U proprju hawn jidħol l-eżami tal-kuxjenza li semmejt fil-bidu. Fil-ħarġa ta' *Il-Malti* ta' Diċembru 1975, kważi nofs seklu ilu, deher editorjal bl-isem 'Il-futur tal-Akkademja', editorjal li meta qrajtu, ħassejt li l-għan ewlieni tiegħu mhuwiex tant 'il bogħod mill-ħsieb ewlieni li nixtieq naqsam magħkom illum. Nikkwota minn dan l-artiklu:

"Hu prinċipju magħruf u li ma tistax tiċħdu li għaqda jew tikber jew tmut. Għaqda li trid tibqa' ħajja, trid tibqa' ħajja fil-membri tagħha. Jekk il-membri jmutu bla ma jieħdu posthom oħrajn, l-għaqda tmut. L-istess jekk il-membri jitilfu l-interess fil-għaqda, l-għaqda tnin u tmut. Illum l-Akkademja tgħodd mal-95 membru. Xi wħud għad fadlilhom interess, oħrajn le. Dan jeħtieġ li jingħad bla ma nistaħbew wara subgħajna. F'editorjal ieħor aċċennajna għall-ħtieġa li l-Kunsill jieħu ħsieb ilaqqa' l-membri flimkien mhux biss għall-elezzjoni ta' darba kull sentejn imma għal laqgħat soċjali u akkademiċi li jġibuhom flimkien ħa jitħaddtu flimkien, jaqsmu l-ħsibijiet flimkien u juru interess fil-Għaqda. L-Akkademja ma tistax tibqa' ħajja għax il-Kunsill għadu jiltaqa' u juri sinjali ta' ħajja. L-Akkademja hija l-membri, hija l-attività tagħhom bħala għaqda. Ma jistax ikollok membri mejta u Kunsill ħaj għax qisek għandek ġisem mifluġ u bla saħħa b'ruħ li għadha tferfer tistenna l-aħħar nifs. Minn hawn il-ħtieġa li jiltaqgħu l-membri akkademiċi flimkien ta' spiss ħa juru sinjal ta' ħajja, ħa jieħdu n-nifs u jagħtuh lill-Kunsill."

L-editorjal ikompli billi jsemmi d-dmir tal-Akkademja li ssolvi t-taħwid kbir fl-ortografija, b'referenza għas-sitwazzjoni ta' dak iż-żmien, kompitu li llum m'għadux aktar tal-Akkademja iżda sar responsabbiltà tal-KNM.

L-editorjal jagħlaq bi kliem pjuttost iebes, kważi kważi, b'ċanfira. Nikkwota: "… ma jistax ikollok membri fil-Kunsill li jkunu mgħobbija u mxekkla b'elf ħaġa oħra li tnaqqsilhom u ttellifhom mill-ħeġġa meħtieġa fil-Kunsill, ma jistax ikollok membri b'interessi konfliġġenti, ma jistax ikollok membri għall-unur, membri għar-rispett, membri għax… u membri għax…. Il-membri tal-Kunsill u l-Istatut jew ser ikunu ta' sfida għal min raqad u għeja jew ser ikunu sodda xaħxieħa għal min irid jistrieħ u jitpaħpaħ…. jeħtieġ li l-membri kollha jintebħu bid-dmir tagħhom li jagħtu ħajja lill-għaqda ta' bejnietna…. Min għeja, min xaba', min tilef l-interess għandu jistqarr ċar u tond… wieħed ikun jaf fejn hu u fejn mhux,

min hu membru, u min hu numru biss... Il-motto tagħna għas-snin li ġejjin irridu li jkun: AKKADEMJA ĦAJJA B'MEMBRI ĦAJJIN."

Inħoss li dan l-editorjal għadu validissimu għas-sitwazzjoni preżenti. Inħoss li dan l-editorjal iwassal b'mod l-aktar ċar il-messaġġ li rrid inwassal illum f'din il-laqgħa ta' bejnietna, bejn dawk "ta' ġewwa" li suppost ilkoll qed naħdmu għall-istess għan; bejn dawk "ta' ġewwa" li mhux l-ewwel darba li nitkellmu dwar l-għarkażijiet ta' ħaddieħor fejn jidħol l-użu tal-Malti u dwar in-nuqqas ta' rispett tal-awtoritajiet, tax-xandara, u tal-pubbliku inġenerali lejn ilsienna; li mhux l-ewwel darba nippuntaw subgħajna lejn ħaddieħor u forsi wkoll inkunu pronti nixluh bil-ħtija għall-istat li jinsab fih il-Malti; aħna "ta' ġewwa" li mhux l-ewwel darba naħsbu li aħna weqfin fis-sod bla ma nieqfu nagħmlu eżami tal-kuxjenza.

Nistħajjilkom tgħiduli, "Imma l-Akkademja mhux il-ħin kollu għaddejja?" Jekk nidħlu waħda fis-sit uffiċjali tal-Akkademja nintebħu mill-ewwel li huwa sit aġġornat, imfittex mill-pubbliku inġenerali, kif turi saħansitra l-istatistika li nirċievu kull xahar, sit mimli b'tagħrif interessanti dwar xi aspett jew ieħor tal-Malti u rapporti u filmati dwar il-ħafna attivitajiet li torganizza l-għaqda tagħna minn żmien għal żmien. Ngħidu aħna, matul din l-aħħar sena ta' dan il-kunsill l-Akkademja organizzat serata mużiko-letterarja b'omaġġ lill-Professur Ġużè Aquilina fil-knisja tal-Munxar fl-20 ta' Ottubru 2023. Fl-14 ta' Novembru 2023, fil-jum proprju li jfakkar it-twelid tagħha, l-Akkademja organizzat serata fil-Palazz ta' Sant'Anton, taħt il-patroċinju tal-Ex President ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu George Vella, li fiha tajna l-midalja 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' lis-Sur Charles Casha għas-sehem imprezzabbli tiegħu fil-qasam letterarju Malti. F'Mejju fakkarna għeluq il-25 sena mill-mewt tal-poeta Ġorġ Pisani b'serata mużiko-letterarja li saret fil-Bażilika ta' San Ġorġ, ir-Rabat Għawdex. Xogħol ieħor għaddej kontinwament fuq numru ta' pubblikazzjonijiet, li l-aħħar waħda fosthom hija l-pubblikazzjoni mill-ġdid tal-ktieb – *Il-Fidwa tal-Bdiewa* – ta' Ninu Cremona – l-ewwel minn sensiela ta' kotba klassiċi li għandna ppjanati li nippubblikawhom mill-ġdid mal-Klabb Kotba Maltin. Matul din is-sena organizzajna wkoll erba' taħditiet oħra fis-sensiela ta' taħditiet li norganizzaw dwar xi aspett jew ieħor marbut mal-lingwa Maltija: f'Settembru Charles Bezzina tana taħdita dwar l-Ilsien Malti f'Għawdex fis-snin tal-Gwerra; fi Frar Dr Noel Buttigieg kellimna dwar 'L-ikel u lil hinn minnu f'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka'; f'April, Ivan Said tana taħdita interessanti fuq May Butcher, l-Ingliża li ħabbet l-ilsien Malti u xprunat it-traduzzjoni', u f'Mejju Leanne Ellul kellmitna dwar l-onomatopea fil-Malti. Dawn l-attivitajiet li jkunu kollha bla ħlas, jirrikjedu preparazzjoni kbira li tieħu ħafna ħin, fosthom ħafna korrispondenza mal-kelliema, il-kiri tal-post fejn tkun se ssir l-attività, it-tfassil ta' poster, l-avviżi li jintbagħtu lill-membri kollha, u l-aġġornament fuq is-sit bit-tagħrif kollu meħtieġ marbut mal-attività, kemm qabel u kif ukoll wara li ssir. Qed insemmi dawn l-affarijiet għax ħafna drabi lanqas biss jgħaddulna minn moħħna jew, kif jgħidu bl-Ingliż, neħduhom "for granted".

Mela l-Akkademja tidher li għadha għaddejja, tidher li għadha ħajja. Imma proprju hawn jidħol l-eżami tal-kuxjenza li semmejt fil-bidu. Mill-aħħar rapport amministrattiv, tas-sena l-oħra, issieħbu fl-Akkademja ħames membri ġodda, fis-sena ta' qabel issieħbu ħamsa oħra. It-total tal-membri llum tela' għal 173. Imma kif tistgħu tinnutaw in-numru ta'membri imqar għal din il-laqgħa ġenerali importanti ta' darba f'sena, anke jekk ngħoddu dawk il-membri li qegħdin isegwu b'mod virtwali huwa ferm anqas minn hekk. U din hija ħaġa li tinkwetani bħalma jinkwetani l-fatt li għat-taħditiet u l-attivititajiet li norganizzaw, mhux żgur ikun hemm għoxrin membru, li aktar minn nofshom ikunu l-membri tal-kunsill involuti fl-organizzazzjoni ta' dik l-attività. Fil-fehma tiegħi, l-anqas ħaġa li membru jista' jagħmel huwa li jattendi dawn l-attivitajiet kull meta jkun jista', jekk mhux biex jitgħallem aktar dwar xi aspett jew ieħor ta' lsienna, u jiddiskuti ma' ħaddieħor xi punti li jitqanqalu fihom, imqar biex jagħmel il-kuraġġ lill-membri tal-kunsill ikomplu jaħdmu jew biex juri li japprezza xogħolhom. Lanqas hu sew li naħlu ħafna enerġija nibagħtu l-korrispondenza, tfakkira waħda wara l-oħra biex il-membri jġeddu s-sħubija tagħhom skont kif jitlob l-istatut. Għalija dan juri nuqqas ta' serjetà u interess. Bħalissa għandna 18-il membru li, skont kif jitlob l-istatut, se jirċievu avviż li se tintemmilhom is-sħubija tagħhom fl-Akkademja. Lanqas ħaqq il-ħin li jkunu ħlew biex qagħdu jimlew il-formola u jibagħtu l-applikazzjoni biex jissieħbu, u l-ħin prezzjuż li jkunu ħlew lill-membri tal-kunsill fil-laqgħat biex joqogħdu jiddiskutu s-sħubija tagħhom meta dan il-ħin jista' jintuża biex jiġu diskussi proġetti ġodda.

Ninkwieta meta nagħmlu xi sejħa biex jintbagħtu xogħlijiet għal *Il-Malti* jew għal xi pubblikazzjoni oħra u jkollna nġedduha ma nafx kemm-il darba minħabba ma jkollniex biżżejjed kontribuzzjonijiet jew ma jkollniex kontribuzzjonijiet tal-livell serju li nixtiequ, kif ġara din id-darba fil-ħarġa letterarja li suppost ħarġet diġà. Jiddispjaċini meta tasal il-laqgħa ġenerali ordinarja li fiha tkun se ssir l-elezzjoni għal kunsill ġdid u kull darba qalbna ttaqtaq li ma jinġabrux l-għoxrin membru li hemm bżonn biex jintlaħaq il-kworum biex tkun tista' tibda l-laqgħa. Fil-fatt mhux l-ewwel darba li kellna noqogħdu nistennew sakemm jintlaħaq il-kworum. Din tant kienet saret problema li biex ma jibqax jiġri hekk, kellna nemendaw regolament fl-istatut. Membru anzjan tal-Akkademja darba qalli, ma nafx jekk hux b'mod sarkastiku jew le, li l-fatt li għal-laqgħat ġenerali ma tantx jiġu membri huwa sinjal tajjeb, għax skontu, il-membri jiġu bi ħġarhom biss meta jinqalgħu xi problemi interni. Jista' jkun li hekk hu tassew, iżda għalija dan mhux l-ispirtu veru li suppost jgħaqqadna flimkien. Għalija dan mhu xejn għajr nuqqas ta' interess, aktar u aktar meta għal dawn il-laqgħat ġenerali qegħdin noffru saħansitra servizz ta' trasport bla ħlas u minn wara l-pandemija, anke l-possibilta li wieħed jattendi virtwalment f'każ li jkun diffiċli għalih jattendi fiżikament.

Mela huwa minnu li b'xi mod l-Akkademja għadha miexja, għadha ħajja, iżda nħoss li din l-apatija mhix sinjal sabiħ. Nixtieq nara aktar ħeġġa mill-membri kollha, nixtieq nara udjenza akbar għall-attivitajiet li norganizzaw minn żmien għal żmien, nixtieq li nirċievu aktar kontribuzzjonijiet ta' livell għall-pubblikazzjonijiet tagħna, nixtieq li nirċievu aktar

ideat għal attivitajiet u proġetti li nistgħu nwettqu fil-limiti tar-riżorsi tagħna, nixtieq li nirċievu aktar kritika kostruttiva dwar kif nistgħu ntejbu dak kollu li nagħmlu. Nixtieq li fl-attivitajiet tagħna ma jkunux involuti biss il-membri tal-Kunsill. Ix-xogħol ma jistax jaqa' dejjem fuq l-istess erbgħa min-nies.

U la qed nitkellmu fuq l-attivitajiet, nixtieq nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nfakkar f'attività kbira li biħsiebha torganizza l-Akkademja s-Sibt 30 ta' Novembru, attività li diġà bdejna nippreparaw għaliha. Dakinhar se norganizzaw seminar ta' nofstanhar biex infakkru għeluq il-mitt sena mill-pubblikazzjoni tat-*Tagħrif*, wieħed mill-proġetti fundamentali tal-Għaqda – l-istandardizzazzjoni tal-ortografija Maltija, regoli li nistgħu ngħidu għadhom jiffurmaw fil-qofol tagħhom, is-sisien tal-ortografija uffiċjali ta' lsienna. F'dan is-seminar li fih se jipparteċipaw diversi kelliema, se jsiru preżentazzjonijiet dwar aspetti differenti marbuta mat-*Tagħrif* fosthom l-aspett storiku – il-ġrajjiet li wasslu għal din il-pubblikazzjoni; il-prinċipji ewlenin li fuqhom huwa mibni t-*Tagħrif*, kritika kostruttiva ta' dan id-dokument; u l-aġġornamenti li nbnew fuq il-prinċipji ewlenin tat-*Tagħrif*. Hemm il-ħsieb ukoll li dakinhar ikollna mistieden barrani li huwa espert fil-qasam tal-ippjanar għal-lingwa. Hemm anke l-ħsieb li l-preżentazzjonijiet li se jsiru f'dan is-seminar, u l-istorja marbuta mal-fatti li wasslu għat-tfassil tat-*Tagħrif,* jinġabru f'żewġ pubblikazzjoni oħra tal-Akkademja. Is-seminar se jkun miftuħ għall-pubbliku inġenerali imma minn qalbi nittama li fil-fillieri ta' quddiem nara l-membri tal-Akkademja, lesti biex jitgħallmu aktar dwar dan id-dokument fundamentali u jiddiskutu flimkien il-punti li se jissemmew f'dawn il-preżentazzjonijiet. Nittama li dakinhar niċċelebraw flimkien dan l-avveniment hekk importanti għall-Akkademja u għall-ilsien Malti. Jalla din l-okkażjoni tkun opportunità li fiha nuru l-vera karatteristika akkademika li suppost hija l-qofol tal-għaqda tagħna. Jalla din tkun okkażjoni li permezz tagħha nibagħtu messaġġ ċar li l-Akkademija għadha tassew entità ħajja, b'membri ħajjin u attivi. Jalla din l-okkażjoni tkun prova ċara ta' kemm għandna għal qalbna tassew il-ġid ta' dan l-ilsien li lkoll tant ngħożżu.

Dr George Farrugia

President tal-Akkademja tal-Malti